MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 268/2004

Kawza fil-lista: 25

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici A B C u l-konvenut D C zzewgu fl-10 ta' Mejju 2002;

Premess illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli

ghall-konvenut illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Premess illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Premess illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet hu null u invalidu skond il-ligi;

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-10 ta’ Mejju 2002 fuq imsemmi hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti jaqbel mat-talba attrici limitatament ghal dikjarazzjoni u pronunzja illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla ebda effett skond il-Ligi, izda dan minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet, senjatament difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dmirijiet u d-drittijiet essenzjali tal-mizzewgin, kif jista’ jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi fic-cirkostanzi l-eccipjenti ma ghandux ibati l-ispejjez tal-prezenti proceduri, li ghandhom jigu sopportati ugwalment miz-zewg kontendenti.

Rat id-dikjarrazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-10 ta' Mejju 2002 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi n-nullita' liz-zewg partijiet in bazi ghall-ewwel parti tal-paragrafu [d] fuq citat.

**Fatti**
Jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewgu fl-10 ta' Mejju 2002, meta allura l-attrici kellha 23 sena u l-konvenut kellu 26 sena u wara li kienu ilhom f' relazzjoni stabbli ghal circa erba' snin. Fis-2 ta' Settembru 2003 twieldet t-tifel tal-partijiet. Wara konvivenza matrimonjali nfelici ta' sentejn, il-konvenut telaq mid-dar konjugali fil-25 ta' Lulju 2004 u l-partijiet isseparaw de facto. Wara s-separazzjoni, il-konvenut dahal f' relazzjoni stabbli ma' mara ohra, li ghadha ghaddejja.

*Verzjoni attrici*
Illi l-attrici tghid li, tghid li mill-bidunett taz-zwieg, il-konvenut kien beda jhalliha waheda, fis-sens li wara x-xoghol jibqa' jmur il-kazin u jirritorna lura tard filghaxija gieghli anke ghal habta ta' 12.00 am. Tghid li ftit tax-xhur wara li zzewgu, u ghalhekk qabel it-tqala', hija kienet qed tinnota li zewgha kien qed ikun ta' spiss fil-kumpanija ta' tfajla bl-isem RZ. Hija kienet innotat li wara z-zwieg il-konvenut kien qed juri bruda fil-konfront taghha, u tghid li anke fil-honeymoon, huma ma kellhomx relazzjonijiet intimi. Ir-relazzjonijiet intimi ma kienux ikunu daqstant frekwenti, u hlief ghal xi okkazzjonijiet, kienu jsiru bi prekawzzjoni da parti tal-konvenut. Izda sussegwentement l-attrici nqabdet tqila, liema tqala ma kinitx ippjanata.

L-attrici tghid li anke qabel iz-zwieg kienet innotat li l-konvenut kien qed juri certu ndifferenza fil-konfront taghha, u di fatti xahar qabel it-tieg hija kienet hassret ir-

relazzjoni; izda sussegwentement wara zeghil u weghdi da parti tal-konvenut, hija kienet accettat li tkompli bir-relazzjoni peress li kienet thobbu.

Hija tispjega li wara s-separazzjoni, cioe' wara il-25 ta' Lulju 2004, hi kienet skopriet li l-konvenut zewgha kien ilu f' relazzjoni ma' din it-tfajla anke matul il-konvivenza matrimonjali. Hi tghid li din it-tfajla kienet ammettiet maghha li l-konvenut kien ilu jiffrekwentaha circa sentejn qabel is-separazzjoni.

*Verzjoni konvenut*
Il-konvenut jghid li matul iz-zmien ta' l-gherusija, ftit li xejn kienu jkunu flimkien, u kienu jqattghu hafna zmien fid-dar ta' l-attrici. Huwa jghid li kien wasal ghad-decizjoni li jizzewweg "ghax konna ilna flimkien, u qisu nahseb ghax ta' hdejna zzewgu."[1] Jghid li llum jaf li f' dak iz-zmien kien immatur u llum zgur ma jergax jizzewweg. Fi kliemu: "Darba, [izzewwigt] u ma nergax naghmilha."[2] Jghid li f' dak iz-zmien kienu mmaturi t-tnejn.

Il-konvenut jispjega li hu kien imdejjaq fiz-zwieg ma' l-attrici principalment ghax dina kienet ta' spiss tirrifjutah ghall-att taz-zwieg billi ggiblu l-iskuzi. Jghid li minhabba f' hekk, anke fil-bidu taz-zwieg, l-att taz-zwieg kien isir darba fi hmistax jew fix-xahar[3], minhabba r-riluttanza ta' l-attrici. Jghid li hu kien ghadu zghir u "dejjem imxennaq – dik mhux hajja."[4] Jghid: "Minhabba f' hekk jien spiccajt biex fittixt wicc haddiehor, ghax deherli li la l-mara ma thobbnix, meta konna mizzewgin friski, kelli d-dritt li nfittex lil haddiehor li tista' taghmilni kuntent minn kull lat….. Fittixt il-kumpanija taghha [t-tfajla RZ] daqs kemm kont iddisprat u mdejjaq bil-mod kif kienet qed iggib ruhha u tinjorani [l-attrici]."[5] Huwa, jiddeskrivi lilu nnifsu bhala bniedem rizervat u jzomm kollox go fih, u ghalhekk esternament kien jidher li jaccetta li ma jsirx l-att taz-zwieg.

[1] Fol.114
[2] Fol.149
[3] Fol.145
[4] Fol.2
[5] Fol.28

Jghid li l-attrici kienet "mummy's girl" u di fatti wara z-zwieg huma, fuq insistenza taghha, kienu ghamlu tlett xhur jghixu mal-genituri taghha. Huwa jammetta li wara x-xoghol kien imur il-kazin u kien idum sal-10.30pm u gieghli anki aktar meta jkun hemm xoghol ta' l-armar minhabba xi festa, u gieghli dam anke sal-12.30pm, izda jghid li l-attrici kienet "kuntenta"[6].

Jghid li gieghli kien jiftah qalbu mat-tfajla RZ li kienet tkun tas-spiss il-kazin. Huwa jghid li xi "hmistax, xahar" wara s-separazzjoni, huwa beda relazzjoni ma' din it-tfajla, u li ghadha ghaddejja sallum; izda jichad li kien jiffrekwentaha jew johroga maghha matul il-konvivenza ma' l-attrici.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet, u hija propensa li taghti affidament lill-attrici, u taccetta bhala veritiera l-verzjoni tal-fatti kif moghtija minnha. Huwa minnu li kulhadd ghandu d-difetti tieghu, izda l-problemi fiz-zwieg ma jissolvewx billi tifittex relazzjoni extra matrimonjali, multo magis fi zmien daqshekk qasir wara z-zwieg. Ir-ragunament tal-konvenut li, ghax ma kienx sodisfatt bil-hajja sesswali taghhom kellu "dritt li nfittex lil haddiehor li tista' taghmilni kuntent minn kull lat."[7] juri sens kbir ta' immaturita' u jikkostitwixxi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u l-obbligi tal-hajja konjugali li fil-gurisprudenza nostrana jinsabu defeniti bhala "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obbligation of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of conjugal community. It is important to remember that these obligations must be <u>mutual, permanent, continuous exclusive and irrevocable</u> so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psycholoigical cause, incapable of assuming these

[6] Fol.129
[7] Fol.28

obligations with these essential characteristics *[Viladrich – citat fis-sentenza PA[VGD] Anna Galea vs John Walsh deciza 20 ta' Marzu 2000].* Inerenti f' dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-kontraenti li jaghtu lilhom infushom lill xulxin fit-totalita' taghhom sabiex tigi stabbilita' bejniethom the "community of life and love."[8]

Fil-kaz in dizamina, il-konvenut li skond hu kien qed jhabbat wiccu ma' certu diffikultajiet fiz-zwieg, kellu qabel xejn jipprova jsolvi l-problemi matrimonjali anke b' ghajnuna professjonali, izda zgur ma jistax validament jivvanta xi "dritt" li jfittex lil haddiehor sakemm iz-zwieg tieghu jibqa' validu. Dan qed jinghad dato non concessa li huwa minnu l-fatt allegat mill-konvenut li l-attrici, mill-bidunett taz-zwieg, kienet tas-spiss tirrifjuta li jkollha x' taqsam mieghu u li ghalhekk hu kien imdejjaq fiz-zwieg; liema fatt jinsab kontraddett mill-attrici, jinsab kontraddett mill-fatt li ftit taz-zmien wara z-zwieg l-attrici harget tqila, u liema fatt din il-Qorti, li semghet liz-zewg partijiet, sincerament ma temminx.

Il-Qorti hija izjed propensa li taccetta bhala raguni ghal-konvivenza matrimonjali nfelici tal-partijiet, il-fatt li dawn izzewgu ghax kienu ilhom flimkien, u mhux ghax il-konvenut kien verament ried jghix il-hajja konjugali ma' l-attrici. Hu stess jammetti li kien immatur.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, liema caput nullitatis jikkonfigura fil-konfront tal-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-10 ta' Mejju 2002. L-ispejjez ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut

[8] Sottolinear tal-Qorti

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------